MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2014

Talba Numru. 453/2014

**Mobisle Communications Limited**
**C-24655**

**vs**

**BUTTIGIEG Anna Maria**
**ID440290-(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-Socjeta’ attrici iddikjarat illi l-konvenuta ghandha taghti lis-Socjeta’ attrici s-somma ta’ elfejn, sitta u ghoxrin ewro u tlett centezmi (€2,026.03c) in konnessjoni ma’ servizz tat- telefonija cellulari 79860516 (AC40186768) skont kuntratt datat 8 ta’ Novembru, 2011. Illi s-somma msemmija tinkludi l-ammonti dovuti bhala penali ghat-terminazzjoni anticipata tal-kuntratti.

Illi interpellata sabiex tghaddi ghal hlas, il-konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenuta li hija ngunta ghas-Subizzjoni.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali 2951/13, u bl-imghaxijiet mill-5 ta' Dicembru, 2013, data tal-imsemmija ittra ufficjali.

Ra d-dokumenti li gew pprezentati mal-Avviz tat-Talba, u li gew immarkati minn Dok.'A' sa Dok.'D'.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-Socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-Socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' elfejn, sitta u ghoxrin ewro u tlett centezmi (€2,026.03c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenuta.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------